MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1287/1998/1

**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**
**IMHALLEF**
**ONOR. DR GINO CAMILLERI LL.D.**

**SEDUTA TAL-20 ta' Mejju, 2004**

Citazzjoni Numru: 1287/98
Maltacom p.l.c
vs
Gaps, Spares & Services Limited

Il-Qorti,
Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi skond dokument relattiv ghaz-zamma tas-servizz tat-telefon hawn anness u markat "Dok A" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemanta (awtrici ta' Maltacom p.l.c), is-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf disgha mija u erbgha u sebghin Lira Maltija

u hamsa u disghin centezmu (Lm1,974.95) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru tlieta, wiehed, sitta, hamsa, tlieta, tmienja, (316538), skond il-prospett hawn anness u markat bhala “Dok B”;
Illi s-socjeta’ konvenuta interpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Talbet ghalhekk lis-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

(1) **Tiddeciedi** l-kawza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) **Tikkundanna** lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf disgha mija u erbgha u sebghin Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm1,974.95).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tas-sisa fuq id-drittijiet professjonali u bl- imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta, li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes konta s-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------